A.L. 185 ta' l-2003

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Music - D.Mus. - u Master of Music - M.Mus.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Music - D.Mus. - u Master of Music - M.Mus.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut tal-Mediterran;

"il-Gradi" tfisser il-Gradi ta' Doctor of Music - D.Mus. - u Master of Music - M.Mus.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tal-Mediterran; u

"il-Kumitat" tfisser il-Kumitat għall-M.Phil./Ph.D. maħtur mis-Senat.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2002 'il quddiem.

L-Għoti tal-Gradi

3. (1) Il-grad ta' D.Mus. għandu jingħata lill-istudenti li jissodisfaw il-kriterji kollha f'waħda mill-oqsma ta' speċjaliżżazzjoni li ġejjin:

(a) permezz ta' kompożizzjoni: jippreżentaw u jiddefendu b'suċċess *portfolio* ta' kompożizzjonijiet ġodda u oriġinali li jinkludu xogħol fuq skala kbira bħalma huma opera jew oratorju u eżami *viva voce*; jew

(b) permezz ta' kunċerti: jippreżentaw b'suċċess mill-anqas erba' kunċerti (li għandhom jinkludu xogħlijiet għall-orkestra fuq skala kbira), mill-anqas żewġ kunċerti ta' *chamber music*, u jiddefendu b'suċċess dissertazzjoni dwar is-suġġett tal-kunċerti waqt eżami *viva voce*.

(2) Il-grad ta' M.Mus. għandu jingħata lill-istudenti li jissodisfaw il-kriterji kollha f'waħda mill-oqsma ta' speċjaliżżazzjoni li ġejjin:

(a) permezz ta' kompożizzjoni: jippreżentaw u jiddefendu b'suċċess *portfolio* ta' kompożizzjonijiet ġodda u oriġinali u eżami *viva voce*; jew

(b) permezz ta' kunċerti: jippreżentaw b'suċċess mill-anqas żewġ kunċerti pubbliċi, mill-anqas kunċert ta' *chamber music*, u jiddefendu b'suċċess dissertazzjoni dwar is-suġġett tal-kunċert waqt eżami *viva voce*.

Il-Kumitat maħtur mis-Senat

4. Dawn il-Gradi jaqgħu wkoll taħt ir-responsabbilta' tal-Kumitat maħtur mis-Senat skond ir-Regolamenti tal-Korsijiet għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Gradi

5. L-applikazzjonijiet għall-Gradi jiġu aċċettati mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat.

6. (1) Il-Kumitat għandu jikkonsidra applikazzjonijiet għal grad ta' D.Mus. minn għand kandidati li għandhom grad ta' Master of Music ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat.

(2) Il-Kumitat għandu jikkonsidra applikazzjonijiet għall-grad ta' M.Mus. minn għand kandidati li għandhom:

(a) grad tajjeb bl-Unuri fil-Music Studies (mhux anqas mit-Tieni Klassi) ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Music Studies (Kategorija II jew ogħla) jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat, sakemm dawn il-kandidati, minbarra li jissodisfaw xi kundizzjonijiet speċjali speċifikati mill-Bord, jattendu għall-Kors Preparatorju li jestendi fuq perijodu ta' sena studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tiegħu fuq bażi *part-time* u li jtemmu l-kors b'livell ta' l-anqas tat-Tieni Klassi bl-Unuri. Normalment l-oqsma ta' studju jkunu meħuda mill-Programm tal-Music Studies offrut għall-Bachelor of Arts (Honours).

(3) L-applikazzjonijiet għall-Gradi għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) it-titlu propost tal-proġett;

(b) proposta dettaljata ta' riċerka, normalment ta' madwar 1000 kelma, li għandha tinkludi l-għodod u t-teknika tal-kompożizzjoni fil-każ tal-Gradi bbażati fuq il-kompożizzjoni, u l-għodod analitiċi u tal-kompożizzjoni fil-każ tal-Gradi bbażati fuq il-kunċerti;

(ċ) stqarrija dwar jekk l-istudji humiex ser isiru fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time,* u, jekk dan ta' l-aħħar, l-għadd ta' sigħat li ser ikunu ddedikati għal dan ix-xogħol ta' riċerka;

(d) l-isem tal-membru tal-istaff ta' l-Universita' li qabel li jagħmilha ta' superviżur, u f'każijiet speċjali, l-isem ta' membru tal-istaff ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra jew ta' speċjalista li qabel li jagħmilha ta' ko-superviżur; u

(e) rakkomandazzjoni mill-Ko-ordinatur tal-Programm tal-Music Studies li s-suġġett tar-riċerka hu aċċettabbli.

(4) Il-Kumitat għandu jissottometti lis-Senat l-applikazzjonijiet kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi (1) sa (3) ta' dan ir-regolament. Is-Senat jista' jaċċetta applikazzjonijiet bħal dawn u jista' jimponi kundizzjonijiet oħra li jidhirlu xierqa.

It-Tul ta' l-Istudji

7. (1) L-istudji għall-grad ta' D.Mus. għandhom jestendu fuq dawn il-perijodi:

(a) mhux anqas minn tliet snin u mhux aktar minn ħames snin fil-każ ta' studji fuq bażi *full-time*; u

(b) mhux anqas minn erba' snin u mhux aktar minn tmien snin (li normalment għandhom jinkludu sena ta' studju fuq bażi *full-time*) fil-każ ta' studji fuq bażi *part-time*.

(2) Il-preżentazzjoni tax-xogħolijiet imsemmija fil-paragrafu (1) tar-regolament 3 għal grad ta' D.Mus. ma tkunx ikkunsidrata jekk ikunu sottomessi aktar tard mill-perijodu massimu permess fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, ħlief jekk f'ċirkostanzi speċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat, is-Senat jagħti estensjoni tal-perijodu ta' studju aktar mill-perijodu massimu.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat, jista' jagħti permess għal preżentazzjoni tal-kunċert finali, tal-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet u tad-dissertazzjoni għal-grad ta' D.Mus. wara li jkunu għaddew l-ekwivalenti ta' sentejn ta' studju fuq bażi *full-time* mid-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni.

8. (1) L-istudji għall-grad ta' M.Mus. għandhom jestendu fuq dawn il-perijodi:

(a) mhux anqas minn ħmistax-il xahar u mhux aktar minn tliet snin fil-każ ta' studji fuq bażi *full-time*; u

(b) mhux anqas minn tletin xahar u mhux aktar minn ħames snin fil-każ ta' studji fuq bażi *part-time*.

(2) Il-preżentazzjoni tax-xogħolijiet imsemmija fil-paragrafu (2) tar-regolament 3 għal grad ta' M.Mus. ma tkunx ikkunsidrata jekk ikunu sottomessi aktar tard mill-perijodu massimu permess fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, ħlief jekk f'ċirkostanzi speċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat, is-Senat jagħti estensjoni tal-perijodu ta' studju aktar mill-perijodu massimu.

Ir-Reġistrazzjoni Annwali

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw ma' l-Istitut fil-bidu ta' kull sena akkademika matul il-perijodu ta' studju tagħhom.

(2) Reġistrazzjoni bħal din għandha tiġi aċċettata biss wara li jsir rapport ta' progress sodisfaċenti mis-superviżur ta' l-istudent.

Is-Sottomissjoni tal-*Portfolio* ta' Kompożizzjoni/jiet jew tal-Programm ta' Kunċerti u d-Dissertazzjoni

10. (1) Mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data ppjanata għas-sottomissjoni, l-istudenti għandhom jitolbu lill-Bord il-permess biex jippreżentaw il-*portfolio* tal-kompożizzjoni/jiet jew tal-programm ta' kunċerti u d-dissertazzjoni. Qabel ma jagħti l-permess, il-Bord għandu jikkonsulta mas-superviżur ta' l-istudenti u għandu jaċċerta ruħu li l-perijodu ta' studju jikkonforma ma' dak stipulat fir-regolamenti 7 u 8.

(2) Meta jissottomettu *portfolio* tal-kompożizzjoni/jiet, l-istudenti għandhom:

(a) jissottomettu dikjarazzjoni ffirmata li l-*portfolio* huwa x-xogħol personali tagħhom, u li l-parti l-kbira tax-xogħol kien magħmul wara r-reġistrazzjoni għall-Grad;

(b) jekk xi parti mill-*portfolio* tal-kompożizzjoni/jiet kienet diġa' sottomessa għal xi grad jew kwalifika oħra jew il-*portfolio* kien ippubblikat indipendentement, stqarrija dwar dan għandha tkun inkluża miegħu, u l-Bord tal-Eżaminaturi għandu jirrakkomanda lis-Senat jekk il-*portfolio* għandhux ikun aċċettat għall-eżami jew le.

(3) Id-dissertazzjonijiet bl-ebda mod ma għandhom ikunu diġa' sottomessi għal xi grad jew diploma oħra u m'għandhomx ikunu ġew ippubblikati indipendentement mill-istudent kemm kollha kif ukoll partijiet sostanzjali minnhom.

L-Eżami tal-*Portfolio* ta' Kompożizzjoni/jiet jew tal-Programm ta' Kunċerti u d-Dissertazzjoni

11. Il-*portfolio* tal-kompożizzjoni/jiet għal dawn il-Gradi għandu jkun eżaminat minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur għal dan il-għan mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

12. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għal dawn il-Gradi għandu jkun magħmul minn ta' l-anqas tliet eżaminaturi, li jinkludu *Chairman*, eżaminatur barrani u membru ieħor, sakemm l-eżami *viva voce* jsir minn ta' l-anqas tliet eżaminaturi, u sakemm is-superviżur ma jkunx wieħed mill-eżaminaturi imma jkun mistieden bħala osservatur waqt l-eżami *viva voce*. (Reġistrazzjonijiet ċari tal-kunċerti [awtentiċiżżati mill-eżaminaturi] għandhom ikunu mħejjija għall-użu ta' l-eżaminatur barrani mhux preżenti.)

13. (1) L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jiddefendu l-*portfolio* oralment quddiem il-Bord ta' l-Eżaminaturi. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jissottometti rapport finali lis-Senat fejn jgħid jekk l-istudent għandux jingħata l-grad,
sakemm fil-każ ta' *portfolio* għall-M.Mus., jekk l-eżaminatur barrani ma jkunx jista' jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet finali tal-Bord ta' l-Eżaminaturi għaliex ikun imsiefer, ikun legali li l-membri l-oħra tal-Bord ta' l-Eżaminaturi jieħdu deċizjonijiet fin-nuqqas tiegħu sakemm xi fehmiet li hu jkun fisser bil-kitba jiġu kkunsidrati u d-deċizjoni finali hi aċċettabbli għalih.

(2) Fil-każ tal-kunċerti, id-dissertazzjoni għandha tkun valutata qabel ma jsir il-kunċert finali.

14. (1) Wara li jeżaminaw il-*portfolio* tal-kompożizzjoni/jiet, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jistgħu jirreferuh lura lill-istudent għar-reviżjoni qabel ma jiddefendi l-*portfolio*.

(2) Fil-każ indikat fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-istudent għandu japplika lill-Bord għall-permess biex jissottometti għall-eżami l-*portfolio* rivedut. Il-Bord għandu jkun iggwidat fid-deċiżjoni tiegħu mir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' l-Eżaminaturi iżda fil-każijiet kollha l-*portfolio* rivedut għandu jkun sottomess għall-eżami fi żmien sitt xhur minn meta l-*portfolio* oriġinali kien irriferut lura lill-istudent. Permess bħal dan jingħata darba biss.

(3) Fil-każ tal-kompożizzjoni, student li ma jissodisfax lill-Bord ta' l-Eżaminaturi fl-eżami *viva voce* jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi u bil-permess tal-Bord, jiġi eżaminat mill-ġdid oralment f'perijodu ta' sitt xhur. Permess bħal dan jingħata darba biss.

(4) Jekk, matul il-kunċerti, student għal wieħed mill-Gradi ma juriex kompetenza sħiħa tat-teknika u kapacitajiet interpretattivi, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jitlob li l-kunċert ikun ripetut wara perijodu ta' żmien deċiż mill-Bord.

(5) Jekk student għall-grad ta' D.Mus. ma jissodisfax lill-Bord ta' l-Eżaminaturi li x-xogħol tiegħu laħaq il-livell meħtieġ għall-għoti tal-grad ta' D.Mus., il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jirrakkomanda lis-Senat l-għoti tal-grad ta' M.Mus.

Format u Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

15. Għall-Gradi permezz tal-kompożizzjoni l-istudenti huma mistennija jissottomettu dan li ġej:

(a) għall-grad ta' D.Mus.: il-kopji tal-*portfolio* oriġinali tax-xogħlijiet għandhom ikunu ppreżentati fuq karti tal-mużika regolari A3 u b'kull xogħol illegat *soft* separatament. Id-dissertażżjoni għandha tkun ta' mhux anqas minn 25,000 u mhux aktar minn 30,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija,u l-appendiċijiet; u

(b) għall-grad ta' M.Mus: il-kopji tal-*portfolio* oriġinali tax-xogħlijiet għandhom ikunu ppreżentati fuq karti tal-mużika regolari A3 bix-xogħlijiet illegati *soft* f'volum wieħed. Id-dissertazzjoni għandha tkun ta' mhux anqas minn 15,000 kelma, li jeskludu n-noti, l-biblijografija, u l-appendiċijiet.

16. Għall-Gradi permezz tal-kunċerti l-istudenti huma mistennija jissottomettu dan li ġej:

(a) għall-grad ta' D.Mus: in-noti tal-programm u d-dissertazzjoni għandhom ikunu f'format ta' dokument standard u ta' mhux anqas minn 25,000 u mhux aktar minn 30,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet; u

(b) għall-grad ta' M.Mus: in-noti tal-programm u d-dissertazzjoni għandhom ikunu f'format ta' dokument standard u ta' mhux anqas minn 15,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet.

17. Wara l-permess formali tas-superviżur, l-istudent huwa meħtieġ jissottometti erba' kopji lill-Ko-ordinatur tal-Programm tal-Music Studies biex jingħataw lill-Bord ta' l-Eżaminaturi.

18. Wara li l-*portfolio* u d-dissertazzjoni jkunu approvati, l-istudenti għandhom jissottmettuhom illegati sew fi żmien mhux aktar minn sitt ġimgħat minn meta jkun sar l-eżami *viva voce*.

19. Kwalunkwe spejjez marbutin mal-kunċert u l-*portfolio* tal-kompożizzjoni/jiet huma r-responsabbilta' ta' l-istudenti.